# 15. Għanja lix-Xitwa

Il-qamħ int ma tiġborx minn fuq il-qiegħa,
it-tin inti ma trossx bir-rand ġol-ġewlaq,
ja Xitwa, w lanqas iż-żebbuġ ġol-qolla
ma terfa' w tmellaħ.

Ah! li ma kienx tas-Sajf il-ġbir w il-għaqal,
it-tiġieġ imġewħin joqogħdu jqaqu,
u t-taħħan jibqa' ħdejn il-ġebla kbira
b'idejh marbuta.

B'rasu baxxuta ħdejn in-nar ix-xwejjaħ
ibierek dawk in-nies li ġabu l-għeneb,
u ġewwa l-għajn għasruh, u mlew il-btieti
tal-maħżen kollha.

Berah u bah mimli bir-riħ li jvenven
għandek għall-fqir: sa l-anqas xaqq tas-saqaf
ta' daru ssib, u toqgħod lejl tqattarlu
l-ilma fuq friexu.

Egħlejjel ma taħżinx, ja Xitwa mwiegħra;
iżda bħas-Sajf sabiħ int ruħ għaqlija:
int taħżen l-ilma safi, ta' kull ħliqa
għajxien u ħajja.

Bil-lejl, binhar inti mal-grabja mqabbda,
ittella' l-ilma bnin mis-sebat ibħra
għal ġewwa l-għajn tas-sħab, u mbagħad tiftaħlu
għal fuq l-uċuh,

Tfawwar l-ibjar, tgħolli widien u xmajjar,
tifqa' l-għelieqi, lil kull diġra ssakkar,
u titfa' leħħa w dija fuq id-dehra
ta' wiċċ l-għadajjar.

Ah! li ma kienx il-ġbir u l-għaqal tiegħek,
ja Xitwa mwiegħra, mingħajr warda jibqa'
il-ħawħ fis-sajf, u flok il-frisk il-baħar
jarmi l-misħun.

Is-sliem għalik, ja Xitwa, inti l-ħuttaba
li ġġib iż-żwieġ għammiel bejn l-art u l-ilma,
sew kif is-Sajf huwa l-ħuttab tal-għaqda
bejn l-art u x-xemx.